MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Numru. 794/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
(Spettur Christopher Galea Scannura)
vs
Paul Polidano

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Paul Polidano, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 326801 (L), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-3 ta' Gunju 2002, ghall-habta tal-11.00 ta' filghodu minn garage bla numru sitwat fi Triq Tal-Handaq, Hal-Qormi ikkommetta serq ta' ghodda accessorji tal-karozzi ghad-dannu ta' Carmelo Borda minn B'Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-istess Carmelo Borda, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li jisraq, jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu innifsu, lil xi hadd jezegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun u kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi din il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza fit-2 ta' Ottubru, 2003. Minkejja dan il-fatt ghal xi raguni jew ohra fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2004 id-difiza baqghet ma ressqet l-ebda prova u dakinhar jigifieri fil-5 ta' Novembru, 2004 il-Qorti irriferiet ghall-verbal taghha tas-6 ta' Ottubru 2004; liema verbal gie notifikat lil Dr Chris Borg ghall-imputat fejn il-Qorti kienet ghamlitha cara illi jekk fis-seduta ta' wara ma kienux ser jitresqu provi tad-difiza il-Qorti kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2004 l-imputat imsejjah tlett darbiet ma deherx, il-Qorti irreferiet ghall-verbal taghha tas-6 ta' Ottubru 2004 u kellha bil-fors thalli l-kawza ghas-sentenza ghal-lum, peress illi l-Qorti ma tistax tippermetti aktar telf ta' hin u l-kawza kienet differita ghall-provi tad-difiza ghal aktar minn sena u baqa' ma sar xejn.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi f'Gunju tas-sena 2002 Carmelo Borda kien irrapporta li persuni mhux maghrufa kienu sgassawlu il-bieb tal-garage tieghu f'Tal-Handaq u mill-garage tieghu serqulu Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni DOR 002 u xi accessorji tal-imsemmija vettura, kif ukoll xi ghodod. Mistoqsi jekk kellux xi suspetti, huwa qal illi din il-vettura setghet insterqet minn Paul Polidano, l-imputat odjern, u dana peress illi l-vettura kienet tappartjeni lill-istess imputat illi ippretenda illi Borda kellu ilestihielu fi zmien qasir meta dan ma setghax isir. Borda kompla jghid lill-pulizija fir-rapport tieghu illi meta mar fuq l-imputat, l-imputat qallu illi l-vettura kienet ghandu, qallu "Tersaqlix lil hawn" u heddu permezz ta' arma tan-nar. Ghalhekk l-Ispettur Magri kellem ukoll lill-imputat.

Illi meta l-Ispettur Magri kellem lill-imputat, l-imputat ammetta li l-vettura kien hadha hu, ammetta wkoll illi ha l-accessorji tal-vettura kif ukoll xi ghodod, li kienu pajpijiet ta' l-acitelena, cutters, u affarijiet simili. L-Ispettur Magri xehed illi l-imputat ikkopera mieghu u irritorna l-affarijiet kollha illi kien seraq minghand is-Sur Borda.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal lill-pulizija illi huwa Direttur tal-Kumpannija Polidano Service Plant Hire Ltd u illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DOR 002 Ford Fiesta illi kienet ghat-tiswija ghand it-tellar Carmelo Borda kienet tappartjeni lill-kumpanija u kienet ilha ghand Borda xi hmistax il-gurnata jew aktar ghat-tiswija u l-imputat ammetta mal-pulizija li fit-3 ta' Gunju 2002 huwa ha l-Ford Fiesta mill-garage ta' Carmelo Borda, ha ukoll, 'cutting torch gear' illi qal illi kienu tieghu. Xi zmien ilu xi hadd kien seraqhomlu mill-'petrol station' u kien ghamel rapport lill-pulizija f'dak is-sens. L-imputat qal lill-pulizija illi kien ha l-Ford Fiesta fil-garage ta' Borda, kien mar jixtri l-parts hu u mar ifittex diversi drabi lil Borda sabiex jara fejn waslu x-xogholijiet, pero' qatt ma kien isibu hemm hekk. Din l-istorja damet ghaddejja xi hmistax il-gurnata. Huwa kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi ma riedx ikollu inkwiet ma hutu dwar il-Ford Fiesta, ghalhekk iddecieda li jerga jmur ifittex lil Borda il-garage. Meta rega' ma sabux qabad u qata' l-katnazz tal-garage ta' Borda bil-cutter,

fetah u dahal. Hekk kif dahal gewwa sab il-vettura li kellha l-windscreen u l-bonnet fil-post lesti biex jehlu. Qalaghhom, ghabbihom fuq wara, startja u hareg il-Ford Fiesta mill-garage ta' Borda. Il-bieb tal-garage rega' ghalaqulu permezz ta' bicca wire. Minn hemm hekk baqa' sejjer lejn il-garage tal-kumpanija bil-vettura Ford Fiesta. L-imputat cahad illi kien hedded lil Borda permezz ta' revolver u qal illi huwa mhuwiex licenzjat biex izomm arma tan-nar. Mistoqsi jekk kienx hedded lil Borda permezz ta' revolver, l-imputat cahad u qal illi vera kien irrabjat ghalih, ghaliex Borda kien gie il-pompa tal-petrol ftit sieghat wara li hu kien ha l-vettura, kien hemm xi nies, klijenti prezenti fil-pompa tal-petrol, u huwa kien gholla lehnu ma Borda u ghamel ghalih.

Illi xehed Carmelo Borda fejn qal illi huwa kien ftiehem mal-imputat li idurlu dawra mal-vettura Ford Fiesta u l-imputat kien tah hamsin lira minn qabel sabiex hu jaghmillu dan ix-xoghol. Kien iddawwar ftit sabiex ilesti ix-xoghol f'din il-vettura peress illi kellu missieru l-isptar u darba minnhom mar il-garage, ra il-katnazz miftuh b'cutter u li xi hadd kien fetah, sgassa l-katnazz u fetah il-bieb u l-bieb rega' kien maghluq u l-katnazz rega' inghalaq. Meta fetah il-garage ma sabx il-Ford Fiesta hemm hekk u lanqas il-bonnet u l-windscreen taghha. Sab ukoll xi makkinarji u oggetti neqsin mill-garage tieghu bhal ghodda. Borda xehed illi kien xtara l-bonnet u l-windscreen minghand il-Pinzel Hal-Qormi u dawn sabhom neqsin, kien xtrahom ghall-prezz ta' hamsa u tletin lira (LM35), kellu l-hsara fil-garage u kellu igib nies jirrangawlu l-bieb. Huwa xehed illi l-imputat hadlu b'kollox apparat li jiswa mija u ghoxrin lira (LM120) u li illum il-gurnata forsi jiswa sittin, sebghin lira. Kien hadlu ukoll morsa u affarijiet zghar ohrajn. B'kollox ghalhekk hadlu b'mija u sebghin lira (LM 170) bhala valur. Borda kompla jixhed illi dakinhar illi mar ikellem lill-imputat l-imputat kien heddu permezz ta' revolver u ghalhekk huwa kien mar jaghmel rapport l-ghassa.

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni ta’ l-istess imputat mal-pulizija, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija tieghu, l-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u tat-tielet akkuzi, izda qeghda tilliberah mit-tieni akkuza, peress illi s-Sur Borda ma ressaq l-ebda prova dwar il-hsarat illi allegatament sofra. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni li ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu, izda qeghda issibu hati ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280, 281, 31, 20 u 17 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 85 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti hafna, izda diga gie misjub hati ta’ reati simili u ghalhekk il-Qorti tara illi l-piena ghandha tkun dik ta’ sentejn prigunerija, b’dan pero’, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, illi din il-piena ma ghandhiex tigi fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett snin mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------